C/2026/4830

15.9.2026

Notifika tal-bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' folji u koljaturi tal-azzar inossidabbli llaminati fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan

(C/2026/4830)

Wara l-pubblikazzjoni ta' Notifika tal-iskadenza imminenti ([1]) tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' folji u koljaturi tal-azzar inossidabbli llaminati fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan ("il-pajjiżi kkonċernati"), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([2]) ("ir-Regolament bażiku").

1. Talba għal rieżami

It-talba tressqet fil-15 ta' Ġunju 2026 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar ("Eurofer"), ("l-applikant") f'isem l-industrija tal-Unjoni ta' folji u koljaturi tal-azzar inossidabbli llaminati fil-kiesaħ fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

Verżjoni pubblika tat-talba u l-analiżi tal-grad ta' sostenn għat-talba mill-produtturi tal-Unjoni huma disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati. It-Taqsima 5.6 ta' din in-Notifika tipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess għall-fajl mill-partijiet interessati.

2. Prodott taħt rieżami

Il-prodott soġġett għal dan ir-rieżami huwa prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti, mhux maħdumin iktar ħlief illaminati fil-kiesaħ (ridotti fil-kiesaħ), ("il-prodott taħt rieżami"), li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7219 31 00, 7219 32 10, 7219 32 90, 7219 33 10, 7219 33 90, 7219 34 10, 7219 34 90, 7219 35 10, 7219 35 90, 7219 90 20, 7219 90 80, 7220 20 21, 7220 20 29, 7220 20 41, 7220 20 49, 7220 20 81, 7220 20 89, 7220 90 20 u 7220 90 80. Il-kodiċijiet NM huma pprovduti għall-informazzjoni biss mingħajr preġudizzju għal bidla sussegwenti fil-klassifikazzjoni tariffarja.

3. Miżuri eżistenti

Il-miżuri fis-seħħ bħalissa huma dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1483 ([3]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2025/1573 ([4]).

([1]) ĠU C/2025/6710, 18.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/6710/oj.

([2]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1483 tal-15 ta' Settembru 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli rrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ĠU L327, 16.9.2021, p. 1 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/1483/oj.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1573 tat-30 ta' Lulju 2025 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1483 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli rrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2025/1573, 31.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1573/oj).

L-istess prodott huwa soġġett ukoll għal miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2012 ([5]) u għal dazji kumpensatorji imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/433 ([6]), u t-tnejn li huma, fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw mill-Indoneżja, ġew estiżi għat-Tajwan u l-Vjetnam ([7]) ([8]).

4. Raġunijiet għar-rieżami

It-talba hija msejsa fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tirriżulta fil-kontinwazzjoni tad-dumping u fil-kontinwazzjoni tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni.

4.1. *Allegazzjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping*

4.1.1. *Allegazzjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping mir-RPĊ*

L-applikant sostna li mhux xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

Biex jissostanzja l-allegazzjonijiet ta' distorsjonijiet sinifikanti, l-applikant ibbaża fuq l-informazzjoni li tinsab fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-RPĊ għall-Finijiet tal-investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ bid-data tal-10 ta' April 2024 ([9]). B'mod partikolari, l-applikant irrefera għad-distorsjonijiet bħala preżenza sinifikanti tal-istat li tinterferixxi mal-kostijiet u l-prezzijiet b'mod ġenerali u b'mod aktar speċifiku li taffettwa s-settur tal-azzar. L-applikant ipprovda wkoll evidenza ta' distorsjonijiet li jaffettwaw il-liġijiet ġenerali tal-falliment u tal-proprjetà, kif ukoll distorsjonijiet fir-rigward tal-art, tal-enerġija, tal-kapital, tal-materja prima u tal-manodopera. Barra minn hekk, l-applikant qagħad fuq informazzjoni disponibbli għall-pubbliku biex jipprova d-distorsjonijiet rilevanti fis-settur tal-azzar, bħall-14-il Pjan ta' 5 snin maħruġ mill-gvern taċ-Ċina ([10]) il-konklużjonijiet tal-

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2012 tas-17 ta' Novembru 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju anti-dumping provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja (ĠU L410, 2021/2012, 18.11.2021, p. 153 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/2012/oj).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/433 tal-15 ta' Marzu 2022 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju anti-dumping provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja (ĠU L88, 16.3.2022, p.24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/433/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1267 tas-6 ta' Mejju 2024 li jestendi d-dazji kumpensatorji definittivi imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2012 fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ ikkonsenjati mit-Tajwan u mill-Vjetnam, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajwan u mill-Vjetnam kif ukoll jekk le, u li jtemm l-investigazzjoni li tikkonċerna ċ-ċirkomvenzjoni possibbli ta' miżuri anti-dumping imposti minn dak ir-Regolament b'importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ ikkonsenjati mit-Turkija, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Turkija kif ukoll jekk le (ĠU L, 2024/1267, 7.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1267/oj); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1268 tas-6 ta' Mejju 2024 li jestendi d-dazji kumpensatorji definittivi imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/433 fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mill-Indoneżja għal importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ ikkonsenjati mit-Tajwan, mit-Turkija u mill-Vjetnam, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajwan, mit-Turkija u mill-Vjetnam kif ukoll jekk le (ĠU L, 2024/1267, 7.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1268/oj).

([8]) Fir-rigward tat-Tajwan, id-dazji ġew stabbiliti f'livell ta' 6,8 % għall-kumpaniji Tajwaniżi kollha ħlief Chia Far Industrial Factory Co., Ltd. Sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni doppja tad-dazji anti-dumping, id-dazji ta' 6,8 % pagabbli minn dawk il-kumpaniji li ma kinux eżentati mill-estensjoni tal-miżuri kontra l-Indoneżja ġew sospiżi għad-durata tal-estensjoni tal-miżuri.

([9]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Finijiet tal-investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ, 10.04.2024, SWD (2024) 91 final, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=SWD(2024)91&lang=mt.

([10]) A. lv, L. Jackson, China announces plans for steel output cuts to help restructure industry, (Marzu 2025), https://www.reuters.com/markets/commodities/china-continue-crude-steel-output-cut-2025-2025-03-05/; L-Aġenzija tal-Aħbarijiet Xinhua, Beijing, 12 ta' Marzu, Deskrizzjoni tal-14-il Pjan ta' 5 Snin għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Objettivi fit-Tul għall-2035, https://www.gov.cn/xinwen/2021-03/13/content_5592681.htm; Iċ-Ċentru tal-Politika Kummerċjali u LSE Consulting. (2024). Research into market distortions in the steel sector. Fil-London School of Economics and Political Science. https://www.lse.ac.uk/business/consulting/assets/documents/Research-into-Market-Distortions-in-the-Steel-Sector.pdf, p. 14., li jikkwota l-Ministeru tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni, il-Ministeru tax-Xjenza u t-Teknoloġija u l-Ministeru tar-Riżorsi Naturali. The 14th Five-Year Plan for Raw Material Industry Development, ippubblikat fl-21 ta' Diċembru 2021, https://www.industry.gov.au/sites/default/files/adc/public-record/2025-02/non-confidential-attachment_c19c8_-_14th_five-year_plans_for_the_raw_materials_industry.pdf.

2025 tal-Kumitat tal-Azzar tal-OECD ([11]), l-14-il Pjan ta' 5 snin dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima ([12]), u l-14-il Pjan ta' 5 snin li jiddeskrivi l-ambizzjonijiet tal-Gvern taċ-Ċina fir-rigward ta' industriji ewlenin ([13]). L-applikant ipprovda evidenza li l-industrija tal-azzar hija meqjusa bħala "industrija bażika importanti tal-ekonomija nazzjonali, appoġġ importanti għall-bini ta' pajjiż modern u b'saħħtu, u qasam importanti għat-twettiq ta' żvilupp ekoloġiku u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" ([14]) u riċerka li turi li ċ-Ċina tistinka biex "taċċellera l-kostruzzjoni ta' mutur tal-manifattura" ([15]). Fl-aħħar nett, l-applikant qagħad fuq il-15-il Pjan ta' 5 snin li jitlob l-aġġustament strutturali tal-industrija tal-azzar, il-monitoraġġ tal-kapaċità, u t-titjib ekoloġiku u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju tal-produzzjoni tal-azzar fid-dawl tal-objettiv doppju taċ-Ċina li tilħaq l-ogħla livell tal-karbonju u n-newtralità karbonika ([16]).

B'hekk, fid-dawl tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, l-allegazzjoni ta' dumping hija bbażata fuq paragun bejn il-valur normali maħdum fuq il-bażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u l-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni mal-prezz tal-esportazzjoni (fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika) tal-prodott taħt rieżami meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. L-applikant indika lill-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq għall-fini tal-kostruzzjoni tal-valur normali.

Fuq din il-bażi, il-marġnijiet tad-dumping ikkalkulati huma sinifikanti għar-RPĊ u għalhekk x'aktarx li jkun hemm kontinwazzjoni tad-dumping jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

4.1.2. *Allegazzjoni tal-kontinwazzjoni u tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping mit-Tajwan*

L-allegazzjoni tal-kontinwazzjoni u tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping għat-Tajwan hija bbażata fuq tqabbil bejn il-prezz domestiku u l-valur normali maħdum (kostijiet tal-manifattura, kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (SG&A) u profitt) mal-prezz tal-esportazzjoni (fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika) tal-prodott taħt rieżami meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

Fuq din il-bażi, il-marġnijiet tad-dumping ikkalkulati huma sinifikanti għat-Tajwan u jindikaw il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

4.2. ***Allegazzjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dannu***

L-applikant allega l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dannu. F'dan ir-rigward, l-applikant ipprovda biżżejjed evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni baqgħu kbar biżżejjed f'termini assoluti u f'termini ta' ishma mis-suq.

L-evidenza pprovduta mill-applikant turi li l-volum u l-prezzijiet tal-prodott importat taħt rieżami kkawżaw, fost konsegwenzi oħra, impatt negattiv fuq il-kwantitajiet mibjugħa u l-livell tal-prezzijiet mitluba u fuq is-sehem mis-suq miżmum mill-industrija tal-Unjoni, bir-riżultat ta' effetti negattivi sostanzjali fuq il-prestazzjoni ġenerali, il-qagħda finanzjarja u l-qagħda tal-impjiegi fl-industrija tal-Unjoni.

([11]) OECD, 2025, is-97 Sessjoni tal-Kumitat tal-Azzar: Stqarrija mill-President, https://www.oecd.org/en/about/news/speech-statements/2025/04/97th-session-of-the-steel-committee-statement-by-the-chair.html.

([12]) L-14-il FYP dwar l-iżvilupp tal-materja prima, https://wap.miit.gov.cn/zwgk/zcwj/wjfb/tz/art/2021/art_2960538d19e34c66a5eb8d01b74cbb20.html.

([13]) Iċ-Ċentru tal-Politika Kummerċjali u LSE Consulting. (2024). Research into market distortions in the steel sector. F'The London School of Economics and Political Science, p. 54. https://www.lse.ac.uk/business/consulting/assets/documents/Research-into-Market-Distortions-in-the-Steel-Sector.pdf; li jikkwota l-Ministeru tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni tar-RPĊ (2022) 三部门关于促进钢铁工业高质量发展的指导意见 (Opinjonijiet ta' Gwida tat-Tliet Dipartimenti dwar il-Promozzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Ħadid u tal-Azzar), disponibbli fuq: https://www.miit.gov.cn/jgsj/ycls/gt/art/2022/art_368e1aae99704e9281a618dc73c046f7.html.

([14]) Iċ-Ċentru tal-Politika Kummerċjali u LSE Consulting. (2024). Research into market distortions in the steel sector. Fil-London School of Economics and Political Science, p.54. https://www.lse.ac.uk/business/consulting/assets/documents/Research-into-Market-Distortions-in-the-Steel-Sector.pdf; li jikkwota l-Ministeru tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni tar-RPĊ (2022) (Opinjonijiet ta' Gwida tat-Tliet Dipartimenti dwar il-Promozzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Ħadid u tal-Azzar), Disponibbli fuq: https://www.miit.gov.cn/jgsj/ycls/gt/art/2022/art_368e1aae99704e9281a618dc73c046f7.html.

([15]) Was made in China 2025 successful? (2025, 5 ta' Mejju). https://rhg.com/research/was-made-in-china-2025-succes.

([16]) GtĊ (13 ta' Marzu 2026), "Deskrizzjoni tal-15-il Pjan ta' 5 Snin (2026–2030) għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, https://www.gov.cn/yaowen/liebiao/202603/content_7062633.htm.

L-applikant jallega wkoll il-probabbiltà ta' rikorrenza u aktar dannu. F'dan ir-rigward l-applikant ipprovda wkoll evidenza li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, il-livell attwali ta' importazzjoni tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiżi kkonċernati lejn l-Unjoni x'aktarx li jiżdied minħabba l-eżistenza ta' kapaċità mhux użata u l-potenzjal tal-faċilitajiet ta' manifattura tal-produtturi fil-pajjiżi kkonċernati.

Barra minn hekk, l-applikant jallega li kwalunkwe żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati x'aktarx li twassal għal dannu ulterjuri għall-industrija tal-Unjoni, jekk dawn il-miżuri jitħallew jiskadu.

5. **Proċedura**

Wara li ddeterminat, b'segwitu għal konsultazzjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li teżisti biżżejjed evidenza ta' probabbiltà ta' dumping ([17]) u dannu biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni b'dan tagħti bidu għal rieżami f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

Ir-rieżami ta' skadenza jiddetermina jekk huwiex probabbli li l-iskadenza tal-miżuri twassal għall-kontinwazzjoni jew għar-rikorrenza tad-dumping tal-prodott soġġett għal rieżami li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan u għall-kontinwazzjoni jew għar-rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

5.1. *Perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami u perjodu kkunsidrat*

L-investigazzjoni dwar kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping tkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026 ("il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dannu se jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu kkunsidrat").

5.2. *Kummenti dwar it-talba u l-bidu tal-investigazzjoni*

Il-partijiet interessati kollha li jixtiequ jikkummentaw dwar it-talba (inklużi l-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kontinwazzjoni ta' dannu u mal-kawżalità) jew dwar kwalunkwe aspett li jirrigwarda l-bidu tal-investigazzjoni (inkluż il-livell ta' sostenn għat-talba) iridu jagħmlu dan fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([18]).

Kwalunkwe talba għal seduta ta' smigħ fir-rigward tal-bidu tal-investigazzjoni trid tiġi ppreżentata fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

5.3. *Proċedura għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping*

F'rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni teżamina l-esportazzjonijiet li saru lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u, irrispettivament mill-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, tqis jekk is-sitwazzjoni tal-kumpaniji li jipproduċu u jbigħu l-prodott taħt rieżami fil-pajjiżi kkonċernati hijiex tali li l-esportazzjonijiet bi prezzijiet oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni aktarx jitkomplew jew jirrikorru jekk jiskadu l-miżuri.

Għaldaqstant, il-produtturi kollha ([19]) tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat, inkluż dawk li ma kkooperawx fl-investigazzjoni(jiet) li wasslet/wasslu għall-miżuri fis-seħħ, huma mistednin jipparteċipaw fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

5.3.1. *Investigazzjoni tal-produtturi fil-pajjiżi kkonċernati*

Minħabba li jidher li hemm għadd kbir ta' produtturi fiċ-Ċina u t-Tajwan li huma involuti f'dan ir-rieżami ta' skadenza, u sabiex tlesti l-investigazzjoni sal-limiti ta' żmien statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-produtturi li jridu jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar isir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

([17]) Fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tqis li hemm biżżejjed evidenza li għandha t-tendenza li turi li, minħabba distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet, l-użu ta' prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż ikkonċernat mhuwiex xieraq, u għalhekk huwa ġġustifikat li jingħata bidu għal investigazzjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

([18]) Ir-referenzi kollha għall-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika se jkunu referenzi għall-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

([19]) Produttur huwa kwalunkwe kumpanija fil-pajjiżi kkonċernati li tipproduċi l-prodott taħt rieżami, inkluż kwalunkwe kumpanija relatata magħha involuta fil-produzzjoni, il-bejgħ domestiku jew l-esportazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk ikunx meħtieġ il-kampjunar, u jekk ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, il-produttur kollha, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, inkluż dawk li ma kkooperawx fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri soġġetti għar-rieżami attwali, huma b'dan mitluba jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-kumpaniji tagħhom fi żmien 7 ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Din l-informazzjoni trid tiġi pprovduta permezz ta' TRON.tdi fl-indirizz li ġej: https://intragate.ec.europa.eu/sherpa/Case.do?action=view&id=2902. L-informazzjoni dwar l-aċċess għal Tron tinsab fit-Taqsimiet 5.6 u 5.9 hawn taħt.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis li tkun meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' produtturi, il-Kummissjoni se tikkuntattja wkoll lill-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati u tista' tikkuntattja lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi f'dawn il-pajjiżi.

Jekk ikun meħtieġ kampjun, il-produtturi jintgħażlu abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni, bejgħ jew esportazzjonijiet li jista' raġonevolment jiġi investigat fiż-żmien disponibbli. Il-produtturi kollha magħrufa fil-pajjiżi kkonċernati, l-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati u l-assoċjazzjonijiet tal-produtturi se jiġu nnotifikati mill-Kummissjoni, permezz tal-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati jekk xieraq, dwar il-kumpaniji li jintgħażlu biex ikunu fil-kampjun.

Ladarba l-Kummissjoni tkun irċeviet l-informazzjoni meħtieġa biex tagħżel kampjun ta' produtturi, se tinforma lill-partijiet ikkonċernati bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk humiex inklużi fil-kampjun. Il-produtturi fil-kampjun ikollhom jippreżentaw kwestjonarju komplut fi żmien 37 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-Kummissjoni se żżid nota fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati li jirriflettu l-għażla tal-kampjun. Kull kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jasal fi żmien 3 ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-kampjun.

Kopja tal-kwestjonarju għall-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat se tkun disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati fid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-kampjun.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-kumpaniji li jkunu qablu li jiġu inklużi fil-kampjun iżda li ma jintgħażlux biex ikunu parti mill-kampjun se jitqiesu li jkunu kkooperaw.

5.3.2. *Proċedura addizzjonali fir-rigward tar-RPĊ li hija soġġetta għal distorsjonijiet sinifikanti*

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din in-Notifika, il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom, jippreżentaw l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet interessati kollha biex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar l-inputs u l-kodiċijiet tas-Sistema Armonizzata (SA) ipprovduti fit-talba, jipproponu pajjiż(i) rappreżentattiv(i) xieraq/xierqa u jipprovdu l-identità tal-produtturi tal-prodott taħt rieżami f'dawk il-pajjiżi. Din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Skont il-punt (e) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni, ftit wara l-bidu tal-investigazzjoni, permezz ta' nota fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati, tinforma lill-partijiet fl-investigazzjoni dwar is-sorsi rilevanti li beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali fir-RPĊ skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Dan ikopri s-sorsi kollha, inkluża l-għażla ta' pajjiż terz rappreżentattiv xieraq fejn ikun xieraq. Il-partijiet għall-investigazzjoni għandhom jingħataw 10 ijiem mid-data li fiha din in-nota tiżdied fil-fajl biex jippreżentaw il-kummenti.

Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, pajjiż terz rappreżentattiv possibbli għar-RPĊ f'dan il-każ huwa l-Brażil. Bil-għan li finalment tagħżel il-pajjiż terz rappreżentattiv xieraq, il-Kummissjoni teżamina jekk hemmx pajjiżi b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ, li fihom isiru l-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott taħt rieżami u li għandhom data rilevanti disponibbli minnufih. F'każ li jkun hemm aktar minn pajjiż wieħed bħal dan, tingħata preferenza, meta jkun xieraq, lill-pajjiżi li għandhom livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

Fir-rigward tas-sorsi rilevanti, il-produtturi kollha fir-RPĊ huma mitluba jipprovdu informazzjoni dwar il-materji (primi u dawk ipproċessati) u l-enerġija użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Din l-informazzjoni trid tiġi pprovduta permezz ta' TRON.tdi fl-indirizz li ġej: https://intragate.ec.europa.eu/sherpa/Case.do?action=view&id=2902. L-informazzjoni dwar l-aċċess għal Tron tinsab fit-Taqsimiet 5.6 u 5.9 hawn taħt.

Barra minn hekk, kwalunkwe preżentazzjoni ta' informazzjoni fattwali biex jiġu stabbiliti l-kostijiet u l-prezzijiet skont il-punt (a) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku trid issir fi żmien 65 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Tali informazzjoni fattwali jenħtieġ li tittieħed esklużivament minn sorsi pubblikament disponibbli.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis li għandha bżonn għall-investigazzjoni fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a), il-punt (b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni se tipprovdi wkoll kwestjonarju lill-Gvern tar-RPĊ.

5.3.3. *Investigazzjoni tal-importaturi mhux relatati* ([20]) ([21])

Importaturi mhux relatati tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiżi kkonċernati lejn l-Unjoni, inklużi dawk li ma kkooperawx fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri fis-seħħ, huma mistiedna jipparteċipaw f'din l-investigazzjoni.

Minħabba l-għadd kbir potenzjali ta' importaturi li mhumiex relatati involuti f'dan ir-rieżami ta' skadenza, u sabiex l-investigazzjoni titlesta fil-limiti ta' żmien statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-għadd ta' importaturi li mhumiex relatati u li se jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar isir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ il-kampjunar, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, l-importaturi kollha mhux relatati, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, inkluż dawk li ma kkooperawx fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri soġġetti għal dan ir-rieżami, huma b'dan mitluba jippreżentaw lilhom infushom lill-Kummissjoni. Dawn il-partijiet iridu jagħmlu dan fi żmien 7 ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika billi jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-kumpanija/i tagħhom, kif mitlub fl-Anness ta' din in-Notifika.

Sabiex tikseb it-tagħrif li jidhrilha li huwa meħtieġ għall-għażla tal-kampjun ta' importaturi mhux relatati, il-Kummissjoni tista' tikkuntattja wkoll lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi.

Jekk ikun meħtieġ kampjun, l-importaturi jistgħu jintgħażlu abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' bejgħ tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat fl-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. L-importaturi mhux relatati u l-assoċjazzjonijiet ta' importaturi kollha magħrufa se jiġu mgħarrfa mill-Kummissjoni dwar il-kumpaniji magħżula għall-kampjun.

Il-Kummissjoni se żżid ukoll nota fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati li jirriflettu l-għażla tal-kampjun. Kull kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jasal fi żmien 3 ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-kampjun.

Sabiex tikseb informazzjoni li tqis meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tqiegħed kwestjonarji għad-dispożizzjoni tal-importaturi mhux relatati fil-kampjun. Dawn il-partijiet iridu jippreżentaw kwestjonarju mimli fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tal-għażla tal-kampjun, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

([20]) Huma biss l-importaturi li mhumiex relatati ma' produtturi fil-pajjiżi kkonċernati li jistgħu jiddaħħlu fil-kampjun. L-importaturi li huma relatati mal-produtturi jridu jimlew l-Anness I tal-kwestjonarju f'isem dawn il-produtturi. F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu sħab rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu l-impjegatur u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi, tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar tal-azzjonijiet bid-dritt tal-vot jew l-ishma pendenti tat-tnejn li huma; (e) wieħed minnhom jikkontrolla lill-ieħor direttament jew indirettament; (f) it-tnejn li huma jkunu kkontrollati direttament jew indirettament minn persuna terza; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). F'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hi rikonoxxuta mil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([21]) Id-data pprovduta minn importaturi mhux relatati tista' tintuża wkoll b'rabta ma' aspetti oħra ta' din l-investigazzjoni għajr id-determinazzjoni tad-dumping.

Kopja tal-kwestjonarju għall-importaturi mhux relatati hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ u Sigurtà Ekonomika: https://intragate.ec.europa.eu/sherpa/Case.do?action=view&id=2902

5.4. *Il-proċedura għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dannu u għall-investigazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni*

Sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni tistieden lill-produtturi tal-Unjoni tal-prodott taħt rieżami jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

Minħabba li hemm għadd kbir ta' produtturi tal-Unjoni involuti f'dan ir-rieżami ta' skadenza, u sabiex ittemm l-investigazzjoni fil-limitu tal-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni ddeċidiet li tillimita għal għadd raġonevoli l-produtturi tal-Unjoni li se jiġu investigati billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar isir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Il-Kummissjoni għażlet b'mod proviżorju kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Id-dettalji jinsabu fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati.

B'hekk, il-partijiet interessati huma mistiedna jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju. Barra minn hekk, produtturi oħrajn tal-Unjoni, jew rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, inkluż il-produtturi tal-Unjoni li ma jkunux ikkooperaw fl-investigazzjoni(jiet) li tkun wasslet/jkunu wasslu għall-miżuri fis-seħħ, li jqisu li hemm raġunijiet għaliex jenħtieġ li jkunu inklużi fil-kampjun, iridu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fi żmien 7 ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Il-kummenti kollha dwar il-kampjun proviżorju jridu jaslu fi żmien 7 ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-Kummissjoni se tinnotifika lill-produtturi u/jew lill-assoċjazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni magħrufin kollha bil-kumpaniji li finalment ikunu ntgħażlu biex ikunu fil-kampjun.

Il-produtturi tal-Unjoni li jkunu parti mill-kampjun ikollhom jippreżentaw kwestjonarju komplut fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-produtturi tal-Unjoni tinsab fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit tad-DĠ għall-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika: https://intragate.ec.europa.eu/sherpa/Case.do?action=view&id=2902

5.5. *Proċedura għall-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni*

Jekk tiġi kkonfermata l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dumping u tad-dannu, titħeħed deċiżjoni, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, dwar jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping tmurx kontra l-interess tal-Unjoni.

Il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur huma mistiedna jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar l-interess tal-Unjoni.

L-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni trid tiġi pprovduta fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Din l-informazzjoni tista' tingħata fil-format ta' test liberu jew inkella billi jimtela kwestjonarju mħejji mill-Kummissjoni.

Kopja tal-kwestjonarji, inkluż il-kwestjonarju għall-utenti tal-prodott taħt rieżami, hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ u Sigurtà https://intragate.ec.europa.eu/sherpa/Case.do?action=view&id=2902. Fi kwalunkwe każ, l-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku titqies biss jekk, meta tiġi ppreżentata, tkun sostnuta b'evidenza fattwali li tissostanzja l-validità tagħha.

5.6. *Partijiet interessati*

Sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni, il-partijiet interessati, bħall-produtturi fil-pajjiżi kkonċernati, il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur, iridu juru li hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott taħt rieżami.

Il-produtturi fil-pajjiżi kkonċernati, il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi li rendew disponibbli informazzjoni f'konformità mal-proċeduri deskritti fit-taqsimiet 5.3.1, 5.3.3 u 5.4.1 jiġu kkunsidrati bħala partijiet interessati jekk ikun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott taħt rieżami.

Il-partijiet l-oħra msemmija fl-ewwel paragrafu ta' din it-taqsima se jkunu jistgħu jipparteċipaw biss fl-investigazzjoni bħala parti interessata mill-mument li jippreżentaw lilhom infushom, u dment li jkun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott taħt rieżami. Li parti titqies bħala parti interessata huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

L-aċċess għall-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati jsir permezz ta' TRON.tdi f'dan l-indirizz: https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI. Segwi l-istruzzjonijiet f'dik il-paġna biex tikseb aċċess ([22]).

5.7. *Sottomissjonijiet bil-miktub oħrajn*

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din in-Notifika, il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jesprimu l-opinjoni tagħhom, jippreżentaw informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

5.8. *Possibbiltà ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni*

Il-partijiet kollha interessati jistgħu jitolbu smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kwalunkwe talba għal smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba kif ukoll sommarju ta' dak li l-parti interessata tixtieq tiddiskuti matul is-seduta ta' smigħ. Is-seduta ta' smigħ tkun limitata għall-kwistjonijiet stabbiliti minn qabel mill-partijiet interessati bil-miktub.

Fil-prinċipju, is-seduti ta' smigħ ma jintużawx biex tiġi ppreżentata informazzjoni fattwali li tkun għadha mhijiex fil-fajl. Madankollu, fl-interess tal-amministrazzjoni tajba u sabiex is-servizzi tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem bl-investigazzjoni, il-partijiet interessati jistgħu jiġu mitluba jipprovdu informazzjoni fattwali ġdida wara s-seduta ta' smigħ.

5.9. *Struzzjonijiet għat-tfassil ta' preżentazzjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji kompluti u l-korrispondenza*

L-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni għall-fini tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni u/jew data li jkunu soġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' parti terza, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet li jippermetti b'mod espliċitu li l-Kummissjoni a) tuża l-informazzjoni u d-data għall-finijiet ta' dan il-proċediment tad-difiża tal-kummerċ u b) tipprovdi l-informazzjoni u/jew id-data lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, fosthom l-informazzjoni mitluba f'din in-Notifika, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għalihom jintalab trattament kunfidenzjali għandhom jiġu mmarkati bħala "*Sensitive*" ([23]). Il-partijiet li jippreżentaw informazzjoni matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġunijiet għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

Il-partijiet li jipprovdu informazzjoni mmarkata "*Sensitive*" huma mitlubin jipprovdu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, filwaqt li jimmarkawha "*For inspection by interested parties*". Dawn is-sommarji jridu jkunu ddettaljati tant li jippermettu fehim raġonevoli tas-sostanza tal-informazzjoni mressqa b'mod kunfidenzjali. Meta parti li tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tfassalx sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u bil-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora tali informazzjoni sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni hija korretta.

([22]) F'każ ta' problemi tekniċi kkuntattja lit-Trade Service Desk permezz tal-posta elettronika lil trade-service-desk@ec.europa.eu jew ċempel +32 22979797.

([23]) Dokument "*Sensitive*" huwa dokument li jitqies kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Anti-dumping). Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu l-preżentazzjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' TRON.tdi (https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI) inklużi t-talbiet biex il-partijiet interessati jiġu rreġistrati bħala tali kif ukoll il-prokuri u d-dokumenti ta' ċertifikazzjoni skennjati. Il-partijiet interessati, meta jużaw TRON.tdi jew il-posta elettronika, ikunu qed jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għall-preżentazzjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES" ippubblikat fis-sit tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika: https://europa.eu/!7tHpY3. Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefown u indirizz validu tal-posta elettronika u għandhom jiżguraw li l-indirizz tal-posta elettronika li jagħtu jkun indirizz kummerċjali uffiċjali tal-posta elettronika li jiffunzjona u li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba jiġu pprovduti d-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz ta' TRON.tdi jew tal-posta elettronika biss, dment li ma jitolbux li jirċievu d-dokumenti kollha mingħand il-Kummissjoni b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata. Għal regoli u għal informazzjoni oħra dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, inklużi l-prinċipji li japplikaw għas-sottomissjonijiet bi TRON.tdi u bil-posta elettronika, il-partijiet interessati għandhom jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ u għas-Sigurtà Ekonomika
Directorate G
Office: CHAR 04/039
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

TRON.tdi: https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/tdi

Email: TRADE-R871-INJURY@ec.europa.eu

TRADE-R871-DUMPING-CHINA@ec.europa.eu

TRADE-R871-DUMPING-TAIWAN@ec.europa.eu

6. Skeda tal-investigazzjoni

L-investigazzjoni għandha normalment tiġi konkluża fi żmien 12-il xahar, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament bażiku.

7. Preżentazzjoni ta' informazzjoni

Bħala regola, il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw biss l-informazzjoni fil-perjodi ta' żmien speċifikati fit-taqsima 5 ta' din in-Notifika.

Sabiex tlesti l-investigazzjoni sal-iskadenzi obbligatorji, il-Kummissjoni mhux se taċċetta preżentazzjonijiet mill-partijiet interessati wara l-iskadenza biex tipprovdi kummenti dwar id-divulgazzjoni finali jew, jekk applikabbli, wara l-iskadenza biex tipprovdi kummenti dwar id-divulgazzjoni finali addizzjonali.

8. Possibbiltà għal kummenti dwar il-preżentazzjonijiet ta' partijiet oħra

Sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tad-difiża, il-partijiet interessati għandu jkollhom il-possibbiltà jikkummentaw dwar l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet interessati oħra. Meta jagħmlu dan, il-partijiet interessati jistgħu biss jindirizzaw kwistjonijiet imqajma fil-preżentazzjonijiet tal-partijiet interessati l-oħra u ma jistgħux iqajmu kwistjonijiet ġodda.

Jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għad-divulgazzjoni tas-sejbiet definittivi, jiġu ppreżentati fi żmien 5 ijiem mill-iskadenza għall-kummenti dwar is-sejbiet definittivi, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor. Jekk ikun hemm divulgazzjoni finali addizzjonali, jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduti minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għal dan l-iżvelar ulterjuri jsiru fi żmien ġurnata waħda mill-iskadenza għal kummenti dwar dan l-iżvelar ulterjuri, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

L-iskeda ta' żmien indikata hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li titlob għal informazzjoni addizzjonali mingħand il-partijiet interessati f'każijiet debitament ġustifikati.

9. **Estensjoni tal-limiti ta' żmien speċifikati f'din in-Notifika**

Jenħtieġ li kwalunkwe estensjoni tal-iskadenzi previsti f'din in-Notifika tiġi rikjesta biss f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, u tingħata biss jekk tkun debitament ġustifikata. Fi kwalunkwe każ, kull estensjoni fl-iskadenza tar-risposta għall-kwestjonarji se tkun limitata għal 3 ijiem, u bħala regola ma taqbiżx 7 ijiem. Rigward l-iskadenzi għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni oħra speċifikata fin-Notifika ta' bidu, l-estensjonijiet se jkunu limitati għal 3 ijiem sakemm ma jintweriex li hemm ċirkostanzi ta' eċċezzjoni.

10. **Nonkooperazzjoni**

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex sal-limitu tal-iskadenzi, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, jistgħu jiġu stabbiliti sejbiet, sew jekk pożittivi kif ukoll jekk negattivi, abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Meta jinstab li xi parti interessata tkun ipprovdiet informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

Meta parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss u għaldaqstant is-sejbiet ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

In-nuqqas ta' tweġiba kompjuterizzata ma għandux jiġi kkunsidrat bħala nonkooperazzjoni, dment li l-parti interessata turi li l-preżentazzjoni tat-tweġiba kif mitlub tkun tirriżulta f'piż żejjed mhux raġonevoli jew f'kost addizzjonali mhux raġonevoli. Il-parti interessata għandha tikkuntattja lill-Kummissjoni immedjatament.

11. **Uffiċjal tas-Seduta**

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jirrieżamina t-talbiet għall-aċċess għall-fajl, it-tilwim fir-rigward tal-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għall-estensjoni tal-limiti ta' żmien u kwalunkwe talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati u tal-partijiet terzi li jistgħu jfeġġu matul il-proċediment.

L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti ta' smigħ u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jiġu eżerċitati bis-sħiħ. It-talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta għandha ssir bil-miktub u tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Dawn is-seduti ta' smigħ għandhom isiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien debitu.

Kull talba trid tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli u bla dewmien sabiex ma xxekkilx l-andament tajjeb tal-proċedimenti. Għal dan il-għan, il-partijiet interessati għandhom jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta minn kmieni kemm jista' jkun wara li jseħħ il-każ li jiġġustifika tali intervent. Meta t-talbiet għal seduti ta' smigħ jiġu ppreżentati barra mill-iskedi ta' żmien rilevanti, l-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina wkoll ir-raġunijiet għalfejn dawn it-talbiet ikunu saru tard, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li jqis kif dovut l-interessi tal-amministrazzjoni tajba u t-tlestija tal-investigazzjoni fil-ħin.

Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq is-sit tad-DĠ Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika: https://policy.trade.ec.europa.eu/contacts/hearing-officer-trade-proceedings_en?prefLang=mt

12. **Possibbiltà li jintalab rieżami skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku**

Billi dan ir-rieżami ta' skadenza qed jinbeda b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, is-sejbiet tiegħu mhux se jwasslu biex il-miżuri eżistenti jiġu emendati iżda biex dawk il-miżuri jitħassru jew jinżammu skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament bażiku.

Jekk xi parti interessata tqis li jkun ġustifikat li jsir rieżami tal-miżuri, sabiex ikun possibbli li l-miżuri jiġu emendati, din il-parti tista' titlob li jsir rieżami skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

Il-partijiet li jixtiequ jitolbu għal rieżami ta' dan it-tip, li jsir indipendentement mir-rieżami ta' skadenza msemmi f'din in-Notifika, jistgħu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fl-indirizz mogħti hawn fuq.

13. **Proċessar ta' data personali**

Kwalunkwe data personali li tinġabar f'din l-investigazzjoni se tiġi trattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([24]).

Avviż dwar il-protezzjoni tad-data li jinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-data personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni huwa disponibbli fis-sit web tad-DĠ Kummerċ u Sigurtà Ekonomika: https://europa.eu/!vr4g9W

([24]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

ANNESS

☐	Verżjoni sensittiva
☐	Verżjoni għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati

(immarka l-kaxxa rilevanti)

PROĊEDIMENT ANTI-DUMPING DWAR L-IMPORTAZZJONIJIET TA' FOLJI U KOLJATURI TAL-AZZAR INOSSIDABBLI LLAMINATI FIL-KIESAĦ LI JORIĠINAW MIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA U MIT-TAJWAN

INFORMAZZJONI GĦALL-GĦAŻLA TAL-KAMPJUN TA' IMPORTATURI MHUX RELATATI

Din il-formola hija mfassla biex tgħin lill-importaturi mhux relatati jwieġbu għat-talba għal informazzjoni rigward it-teħid ta' kampjuni li saret fil-punt 5.3.3 tan-notifika tal-bidu.

Kemm il-verżjoni "*Sensitive*" kif ukoll il-verżjoni "*For inspection by interested parties*" għandhom jintbagħtu lura lill-Kummissjoni kif stipulat fin-notifika ta' bidu.

1. **IDENTITÀ U DETTALJI TA' KUNTATT**

Agħti d-dettalji li ġejjin dwar il-kumpanija tiegħek:

Isem tal-kumpanija	
Indirizz	
Persuna ta' kuntatt	
Indirizz elettroniku	
Numru tat-telefown	

2. **FATTURAT U VOLUM TAL-BEJGĦ**

Indika l-fatturat totali f'euro (EUR) tal-kumpanija, il-valur f'euro (EUR) u l-volum f'tunnellati tal-importazzjonijiet u l-bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, tal-prodott taħt rieżami kif definit fin-notifika tal-bidu.

	Tunnellati	Valur f'euro (EUR)
Fatturat totali tal-kumpanija tiegħek f'euro (EUR)		
Importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan		
Importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami (kwalunkwe oriġini)		
Bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan tal-prodott soġġett għal rieżami		

3. **ATTIVITAJIET TAL-KUMPANIJA TIEGĦEK U TAL-KUMPANIJI RELATATI** ([1])

Agħti dettalji tal-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija u tal-kumpaniji relatati kollha (elenkahom u ddikjara r-relazzjoni tagħhom mal-kumpanija tiegħek) involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ (f'esportazzjonijiet u/jew fis-suq domestiku) tal-prodott taħt rieżami. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jinkludu x-xiri tal-prodott taħt rieżami, il-produzzjoni tiegħu skont arranġamenti ta' sottokuntrattar, jew l-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni tiegħu, iżda mhumiex limitati għal dawn biss.

Isem u lokalità tal-kumpanija	Attivitajiet	Relazzjoni

4. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Agħti kull informazzjoni rilevanti oħra li l-kumpanija tqis li tista' tkun utli biex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

5. **ĊERTIFIKAZZJONI**

Billi tipprovdi l-informazzjoni ta' hawn fuq, il-kumpanija tkun qed taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Meta l-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan ifisser li trid timla kwestjonarju u taċċetta li ssirilha żjara fil-post sabiex jiġu vverifikati t-tweġibiet tagħha. Meta l-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-possibbiltà li tiġi inkluża fil-kampjun, din titqies li ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni għall-importaturi li ma jikkooperawx jissejsu fuq il-fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-kumpanija milli kieku tkun ikkooperat.

Firma tal-uffiċjal awtorizzat:

Isem u kariga tal-uffiċjal awtorizzat:

Data:

([1]) F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu sħab rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu l-impjegatur u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi, tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar tal-azzjonijiet bid-dritt tal-vot jew l-ishma pendenti tat-tnejn li huma; (e) wieħed minnhom jikkontrolla lill-ieħor direttament jew indirettament; (f) it-tnejn li huma jkunu kkontrollati direttament jew indirettament minn persuna terza; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). F'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hi rikonoxxuta mil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).